



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0113/2010

30.3.2010

RAPPORT

dwar 'Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni'
(2009/2159(INI))

Komitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Georgios Papanikolaou

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	17
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	21

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ‘Strategġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni’ (2009/2159(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta’ Diċembru 2000, u b’mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta’ Novembru 1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u b’mod partikolari l-Artikoli 23 u 28 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-13 ta’ Diċembru 2006 dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabbiltà, u b’mod partikolari l-Artikoli 7 u 24 tagħha,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta’ April 2009 dwar ‘Strategġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni. Metodu miftuħ u mġedded ta’ koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh’¹,
- wara li kkunsidra d-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ‘Strategġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni’ - Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġh²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta’ Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018)³,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta’ Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (‘ET 2020’)⁴,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2009 dwar il-valutazzjoni tal-qafas attwali għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh u dwar il-perspettivi futuri għall-qafas imġedded⁵,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobbiltà ta’ voluntiera żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea⁶,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta’

¹ COM(2009)0200

² SEC(2009)0549

³ ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1

⁴ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2

⁵ 9169/09

⁶ ĠU C 319, 13.12.2008, p. 8

Volontarjat għall-Promozzjoni ta' Ċittadinanza Attiva (2011)¹,

- wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ adottat mill-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005²,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 dwar 'Aġenda Soċjali Mġedda', li għandha fil-mira tagħha ż-żgħażaġh u t-tfal bħala prijorità ewlenija³,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni⁴,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni bil-Miktub tiegħu dwar id-dedikazzjoni ta' aktar attenzjoni lir-responsabilizzazzjoni taż-żgħażaġh fil-politiki ta' l-UE⁵,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Frar 2008 dwar il-ġejjieni demografiku tal-Ewropa⁶,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0113/2010),
- A. billi l-investiment fiż-żgħażaġh huwa kruċjali għall-ġejjieni tas-soċjetajiet Ewropej, speċjalment fi żminijiet fejn il-proporzjon ta' żgħażaġh fil-popolazzjoni totali qed jonqos b'mod kostanti,
- B. billi ż-żgħażaġh kollha huma riżorsa importanti għas-soċjetà u għandhom jiġu rikonoxxuti bħala tali,
- C. billi l-ġenerazzjonijiet preżenti, meta jfasslu l-politiki tal-lum, għandhom responsabbiltà qawwija lejn iż-żgħażaġh u l-ġenerazzjonijiet futuri; billi min ifassal il-politika u r-riċerkaturi jeħtieġu jqisu l-opinjoni taż-żgħażaġh biex jagħtuhom vuċi,
- D. billi l-Unjoni Ewropea għandha strumenti importanti marbuta mal-politiki taż-żgħażaġh, madankollu dawn l-istrumenti għandhom jiġu bis-sħiħ sfruttati, imxandra u integrati mill-Istati Membri,
- E. billi impjeg ifisser aktar minn sempliċement xogħol imħallas: huwa fattur ta' soċjalizzazzjoni u jista' jkun sors importanti ta' appoġġ, ta' struttura u ta' formazzjoni tal-identità,
- F. billi sitwazzjoni ta' xogħol prekarju tista' twassal liż-żgħażaġh biex jevitaw jew jipposponu li jibdeu familja, b'effett fuq l-iżviluppi demografiċi,
- G. billi, illum iż-żgħażaġh Ewropej huma esposti għal rati ta' qgħad li qed jikbru u huma

¹ 15658/09

² ĠU C 292, 24.11.2005, p. 5.

³ 11517/08

⁴ SOC/349

⁵ DCE/2008/2193

⁶ Testi Adottati, P6_TA(2008)0066

affettwati bil-kriżi ekonomika, billi b' mod partikolari ż-żgħażaġh bi kwalifiki baxxi iktar għandhom possibbiltà li jkunu bla xogħol, u billi għalhekk huwa importanti, li jkun żgurat li ż-żgħażaġh jirċievu l-aħjar taħriġ possibbli li jggarantilhom aċċess malajr u parteċipazzjoni fuq medda twila ta' żmien fis-suq tax-xogħol,

- H. billi għandu jiġi appoġġjat aċċess ugwali għaż-żgħażaġh kollha għal edukazzjoni u taħriġ ta' livell għoli fil-livelli kollha, u għandhom jiġu promossi aktar l-opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja,
- I. billi t-tranżizzjoni taż-żgħażaġh mill-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol għandha tiġi ffaċilitata,
- J. billi bħala kwistjoni ta' urġenza għandha tingħata prijorità assoluta lill-problemi ta' tluq bikri mill-iskola u l-illitteriżmu, b' mod partikolari fost l-adolexxenti u l-popolazzjoni żaġżuġha tal-ħabs,
- K. billi kwistjonijiet marbuta mas-saħħa, mal-akkomadazzjoni u mal-ambjent huma ta' importanza kbira għaż-żgħażaġh u jista' jkollhom impatt serju fuq il-ħajja u l-ġejjieni tagħhom; billi għandu jiġi promoss ambjent favorevoli f'dak li jirrigwarda l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u s-saħħa,
- L. billi ż-żgħażaġh, filwaqt li għandhom ikunu jistgħu jistrieħu fuq ambjent familjari san, jeħtieġu l-għajjnuna biex jissodisfaw il-bżonn ta' awtonomija u indipendenza tagħhom,
- M. billi l-aspetti ambjentali mhumiex inklużi b' mod ċar fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni u fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill, minkejja li huma kruċjali għaż-żgħażaġh u jħallu impatt serju fuq is-saħħa, il-kwalità tal-ħajja u l-benessri ta' ġenerazzjonijiet futuri; billi, għalhekk, fi strateġija tal-UE għaż-żgħażaġh, il-kwistjonijiet ambjentali għandhom jissemmew b' mod ċar fl-oqsma ta' azzjoni,
- N. billi l-parteeipazzjoni attiva f' soċjetà mhux biss hija mezz importanti għar-responsabilizzazzjoni taż-żgħażaġh iżda tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp personali tagħhom, għal integrazzjoni aħjar fis-soċjetà, għall-ksib ta' ħiliet u għall-iżvilupp ta' sens ta' responsabbiltà,
- O. billi l-ħidma miż-żgħażaġh hija importanti għall-istrateġija tal-UE għaż-żgħażaġh, bħala attività rikreattiva valida għaż-żgħażaġh u li għandha titwettaq minnhom, iżda anki sabiex jiksbu ħiliet u żvilupp personali,
- P. billi li titgħallem u tesperjenza xi tisser li jkollok parti attiva fis-soċjetà tkattar il-fehim u l-parteeipazzjoni attiva fid-demokrazija u l-proċessi tagħha,
- Q. billi l-eżistenza tal-programmi Ewropej li ż-żgħażaġh jibbenefikaw minnhom għandha tiġi mxandra aħjar liż-żgħażaġh sabiex issaħħaħ il-parteeipazzjoni tagħhom,
- R. billi politika taż-żgħażaġh effettiva tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' mentalità Ewropea,

Osservazzjonijiet ġenerali

1. Jilqa' b' sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni';
2. Jilqa' b' sodisfazzjon ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018);
3. Jinnota li n-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-kunċett ta' 'żgħażaġh', tvarja fost l-Istati Membri; jinnota li dan il-kunċett huwa influwenzat minn ċirkostanzi soċjali differenti u li dan jagħti l-opportunità għal approċċ differenti minn kull Stat Membru;
4. Huwa tal-fehma li l-programmi u l-fondi tal-Komunità għandhom jirriflettu l-ambizzjonijiet tal-Ewropa għaż-żgħażaġh;
5. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplementaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona fil-qasam tal-politika taż-żgħażaġh, bħat-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika, l-attenzjoni speċjali għall-isportivi żgħażaġh u l-infurzar legali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

Osservazzjonijiet ewlenin dwar l-effettività tal-istrateġija taż-żgħażaġh

6. Jirrikonoxxi li l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (OMC) imsaħħaħ, b'rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa għodda xierqa għall-kooperazzjoni dwar il-kwistjonijiet tal-politiki taż-żgħażaġh, minkejja n-nuqqasijiet tagħhom, bħad-defiċits ta' leġittimità, in-nuqqas ta' kooperazzjoni effettiva bejn l-'esperti' u l-politiċi eletti, in-nuqqas ta' integrazzjoni xierqa mal-prijoritajiet nazzjonali u r-riskju ta' 'konfużjoni dwar il-responsabbiltà' fost il-livelli varji; iqis li, biex jintlaħqu riżultati fit-tul, il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għandu jissaħħaħ;
7. Jenfasizza li l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni jeħtieġ li jitwettaq b'rieda politika soda min-naħa tal-Istati Membri sabiex irendi l-aqwa riżultati; iqis in-nuqqasijiet tal-implimentazzjoni bħala ostakli fundamentali biex jinksibu l-miri stabbiliti;
8. Jirrikonoxxi l-importanza tal-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej biex jintlaħqu l-miri ta' din l-istrateġija u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti taż-żgħażaġh biex jieħdu rwol attiv fl-implimentazzjoni tal-istrateġija taż-żgħażaġh;
9. Iħeġġeġ kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh bejn il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill u jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar integrata ma' u fost il-parlamenti nazzjonali fl-ambitu tal-proċess tal-OMC;
10. Jilqa' b' sodisfazzjon id-definizzjoni ċara tal-approċċ doppju, l-introduzzjoni ta' metodi ta' ħimda u speċjalment il-lista ċara tal-istrumenti ta' implimentazzjoni stabbilita mill-Kunsill; jitlob l-involvement tal-Parlament Ewropew fid-definizzjoni tal-prijoritajiet taċ-ċikli ta' ħidma; jitlob li l-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh tkun ibbażata fuq evidenza, pertinenti u kkonċentrata;
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppatti indikaturi ċari u faċli li jintużaw kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali li jagħmluha possibbli, li jitjieb, jitwessa' u jiġi

aġġornat l-għarfien vera tagħna dwar il-qagħda taż-żgħażaġh u li jitkejjel u jiġi kkumparat il-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' objettivi stabbiliti b'mod komuni; jenfasizza l-importanza ta' valutazzjoni u monitoraġġ kostanti;

12. Jinnota l-importanza ta' valutazzjoni tal-istat tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ; jenfasizza li r-rapporti ta' progress tal-Istati Membri fil-qasam taż-żgħażaġh għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku sabiex tiżdied il-kuxjenza pubblika; jenfasizza l-bżonn li jiġi ssorveljat il-mod kif il-ħajjiet taż-żgħażaġh fl-Ewropa qed jiżviluppaw u jinbidlu sabiex il-progress effettiv miksub ikun jista' jiġi vvalutat;
13. Iqis li t-tagħlim fost il-pari għandu jkun żviluppat aktar bħala mezz li jiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba u li jikkontribwixxi għall-konsistenza tal-azzjonijiet meħuda fuq livell nazzjonali;
14. Iqis li sabiex ikun hemm strateġija kompleta tal-UE għaż-żgħażaġh, il-formulazzjoni tal-politiki taż-żgħażaġh u dik tal-programmi u l-azzjonijiet tal-UE għandhom imorru id f'id b'mod korrett u trasparenti; iqis, b'mod partikolari, li r-riżultati li joħorġu mill-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE għandhom jagħtu reazzjoni għall-formulazzjoni tal-politika taż-żgħażaġh u l-istrateġija tal-UE għaż-żgħażaġh inġenerali, u vice versa;
15. jenfasizza, barra minn hekk, il-bżonn ta' analiżi fil-fond tal-programmi implimentati sabiex tkun possibbli l-ġestjoni tal-kwalità effikaċi u, abbażi tagħha, jitfassal kull titjib li jista' jkun meħtieġ fil-programmi fil-futur;
16. Jinnota l-ħtieġa li jiġu mobilizzati u simplifikati l-proċeduri ta' aċċess għall-programmi tal-UE u l-fondi soċjali u li jiġi ffaċilitat l-aċċess għalihom; jišhaq fuq kemm huwa importanti li f'dan il-qasam jitfassal approċċ prattiku u mhux burokratiku bil-ħsieb li tiġi implimentata strateġija integrata biex ittejjeb il-ħajja taż-żgħażaġh; jenfasizza l-importanza li ż-żgħażaġh jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-programmi għaż-żgħażaġh sabiex il-ħtiġijiet tagħhom ikunu jistgħu jitqiesu aħjar;
17. Jenfasizza r-rwol importanti tal-programmi Comenius, Erasmus u Leonardo da Vinci fl-iżvilupp ta' politiki edukattivi u ta' taħriġ Ewropej; itenni l-prijorità politika tiegħu li dawn il-programmi jitqiesu bħala pass fundamentali fl-iżvilupp ta' strateġija tal-UE għaż-żgħażaġh, speċjalment għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi pluriennali;
18. Iqis li għandu jsir saħansitra sforz akbar biex tkun promossa l-mobbiltà taż-żgħażaġh fl-Ewropa u li, fil-programmi ta' mobbiltà, għandu jkun hemm ambitu biżżejjed u attenzjoni mogħtija għal skambji lil hinn mill-edukazzjoni formali taż-żgħażaġh;
19. Jistieden lill-Kummissjoni, fi ħdan il-programmi ta' mobbiltà l-ġodda, biex tagħti attenzjoni speċjali lill-mobbiltà tal-ħaddiema żgħażaġh u għal dan il-għan jitlob biex is-sistema ta' viża speċjali li fil-preżent teżisti għall-istudenti tiġi estiża għall-ħaddiema żgħażaġh;
20. Jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li l-mezzi tax-xandir jiġu involuti biex il-programmi għaż-żgħażaġh isiru popolari;

21. Jirrikonoxxi li t-titjib tal-ħajja taż-żgħażaġh huwa ħidma trasversali li għandha titqies f'kull qasam tal-politika; ihegġegħ lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-ħolqien ta' sezzjoni għaż-żgħażaġh fid-dipartimenti u l-ministeri kollha li għandha tgħin biex jissaħħaħ l-abbozzar ta' politiki taż-żgħażaġh adegwati; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex taħtar 'uffiċjali żgħażaġh' fid-direttorati ġenerali tagħha u tagħtihom taħriġ ulterjuri; iqis li l-għan għandu jkun li d-dokumenti tal-Kummissjoni jiġu vvalutati fid-dawl tal-oġettivi tal-politika taż-żgħażaġh; għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-approċċ transsettorjali bħala fattur neċessarju biex jinkiseb livell massimu ta' effettività; iqis li l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet taż-żgħażaġh fl-oqsma kollha tal-politika hija fattur ewlieni għas-suċċess tal-istrateġija għaż-żgħażaġh;
22. Jenfasizza l-bżonn għall-istituzzjonalizzazzjoni tal-ġustizzja interġenerazzjonali fil-livell Ewropej u l-adozzjoni ta' dan il-prinċipju mill-Istati Membri għar-regolazzjoni ġusta tar-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet;

Oqsma ta' azzjoni

23. Jenfasizza bil-qawwa li l-kriżi ekonomika globali qed ikollha impatt kbir fuq iż-żgħażaġh u li għaldaqstant għandha tinfluwenza profondament il-prijoritajiet fi ħdan l-oqsma ta' azzjoni; iqis li dan għandu jsir billi tiġi identifikata firxa ta' miżuri biex jirfdu l-istrateġija ta' ħruġ soċjali u li għandha tingħata attenzjoni speċjali għal revizzjoni tax-xbieki ta' sikurezza soċjali u tas-sistemi tas-sigurtà soċjali;

Prinċipji ġenerali li japplikaw għal kull qasam ta' azzjoni

24. Jenfasizza l-importanza li jitneħħew it-tipi kollha ta' diskriminazzjoni komuni fost iż-żgħażaġh, bħalma hija d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon, id-diżabbiltà, l-età u l-orjentazzjoni sesswali;
25. Jenfasizza l-importanza li ż-żgħażaġh jiġu kkunsidrati bħala grupp ta' prijetà fil-vizzjoni soċjali tal-UE;
26. Jenfasizza bil-qawwa l-ħtieġa li ż-żgħażaġh b'diżabbiltà jingħataw appoġġ effettiv u magħmul apposta kif ukoll opportunitajiet reali u ugwali fl-aċċess fiżiku, sensorjali u konoxxittiv għall-edukazzjoni, l-impjeg, il-kultura, id-divertiment, l-isports, l-attivitajiet soċjali u l-involvimwent fit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi u ċivili;
27. Jitlob miżuri li jiżguraw ir-rispett tad-diversità u l-integrazzjoni b'suċċess ta' żgħażaġh u tfal;
28. Jistieden lill-Istati Membri biex jidentifikaw ir-rabtiet trasversali bejn il-politiki taż-żgħażaġh u l-politiki tal-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjeg, il-kultura u oħrajn;
29. Jenfasizza l-bżonn għal rabtiet qawwija bejn il-politiki dwar iż-żgħażaġh u t-fal;

Edukazzjoni u taħriġ

30. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-interazzjoni bejn it-tliet naħat tat-triangolu tal-għarfien (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni) bħala element ewlieni

għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjieg; jirakkomanda bil-qawwa l-promozzjoni ta' kriterji komuni għal rikonossiment reċiproku aqwa tal-edukazzjoni mhux formali u t-taħriġ vokazzjonali, pereżempju billi titħaffef l-adozzjoni tas-sistema EQF għar-rikonossiment tal-kwalifiki, għat-trasparenza u gall-validazzjoni tal-ħiliet;

31. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu aktar inizjattivi ħalli jinvestu fil-ħiliet meħtieġa għall-impjieg li għalihom hemm domanda, u jinkoraġġihom biex jorbut l-curricula edukattivi mad-domanda fis-suq tax-xogħol, biex jipprovdu leġislazzjoni għat-taħriġ vokazzjonali fiż-żmien il-qasir (fejn dan ikun għadu meħtieġ) u li, fejn ikun possibbli, jużaw il-validazzjoni tal-ħiliet u r-rikonossiment tal-kwalifiki;
32. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema ta' żgħażaġh li jitolqu l-iskola u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri li jiżguraw li l-ogħla perċentwali possibbli ta' żgħażaġh jispiċċaw il-perjodu obbligatorju ta' edukazzjoni tagħhom;
33. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri, fil-kuntest ta' aktar finanzjament, biex jipromwovu l-mobbiltà tat-tagħlim u t-taħriġ għaż-żgħażaġh kollha, li hija fattur ewlieni biex wieħed jikseb esperjenza ta' tagħlim u ta' xogħol; jenfasizza l-importanza tal-mobbiltà taż-żgħażaġh ukoll fir-reġjuni konfinanti mal-UE billi tkun garantita parteċipazzjoni wiesgħa fil-programmi Ewropej li minnhom jibbenefikaw iż-żgħażaġh;
34. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu ħilithom kollha biex jilħqu l-għanijiet strateġiċi u jilħqu l-livelli ta' referenza stabbiliti skont il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ ('ET 2020'), b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk li jkollhom livell baxx ta' ħiliet bażiċi u dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni;
35. Jistieden lill-Istati Membri biex joħolqu biżżejjed rotot li permezz tagħhom in-nies li jkunu ħallew is-sistema edukattiva jkunu jistgħu jerġgħu jidħlu fiha u biex jiżguraw li ponti adegwati jkunu disponibbli ħalli persuni li jkunu segwew korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem lejn livelli ogħla tal-edukazzjoni, u jhegġgħom jieħdu l-miżuri u joffru programmi mmirati għaż-żgħażaġh li jkuu waqgħu lura jew li jkunu ħallew l-iskola aktar kmieni minħabba ċirkustanzi diffiċli jew għażliet ħżiena;
36. Jenfasizza l-importanza li fit-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol iż-żgħażaġh ikunu pprovduti b'aċċess għal gwida u pariri;
37. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li t-tfal u ż-żgħażaġh, irrispettivament mill-istatus legali tal-familji tagħhom, ikollhom id-dritt għal edukazzjoni statali li tgħinhom jiksbu, bir-rispett dovut għall-kultura u l-lingwa proprja tagħhom, il-ħakma meħtieġa tal-lingwa tal-Istat Membru ospitanti u għarfien tal-kultura tiegħu bħala għodda għall-integrazzjoni;
38. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw aċċess ugwali għall-edukazzjoni għaż-żgħażaġh irrispettivament mill-oriġini soċjali u l-kundizzjonijiet finanzjarji, u biex jiggarantixxu aċċess ugwali għall-edukazzjoni liż-żgħażaġh żvantaġġati minn familji bi dħul baxx;
39. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplementaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet

tal-Persuni b'Diżabbiltà u jagħmlu l-edukazzjoni inklussiva – li tkopri kemm l-edukazzjoni formali kif ukoll dik informali – realtà;

40. Jenfasizza l-importanza ta' sistema ta' taħriġ għda, effikaċi u kontinwa għall-ghalliemena sabiex jgħinu lill-istudenti żgħażaġh biex ikunu jistgħu jlaħħqu aħjar mal-isfidi tas-soċjetà tagħna li qed tinbidel b'rata mgħaġġla;
41. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-litteriżmu tal-midja;
42. Jinnota li l-edukazzjoni għandha rwol fundamentali fl-iżvilupp pożittiv tal-attitudni personali;

Impjiegi u intraprenditorija

43. Jinsab ferm imħasseb dwar l-għadd dejjem ikbar ta' żgħażaġh qiegħda, sottoimpjegati jew li m'għandhom l-ebda sigurtà tal-impjieg, speċjalment fil-kriżi ekonomika attwali; jappoġġja bil-qawwa l-istedina indirizzata lill-Kunsill Ewropew biex jiżgura perspettiva taż-żgħażaġh fl-Istrateġija ta' Lisbona għal wara l-2010 u biex jappoġġja l-kontinwazzjoni ta' inizjattivi b'konformità mal-oġġettivi ġenerali tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ; jappoġġja bil-qawwa l-proposta biex jiġu żviluppati miżuri mmirati għaż-żgħażaġh fil-pjanijiet ta' rkupru mfassla fil-pjanijiet tal-kriżi ekonomika u finanzjarja;
44. Jenfasizza l-ħtieġa essenzjali li jinkisbu l-oġġettivi tal-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi u jqis li l-aġenda UE 2020 mġedda għandha tippermetti li l-UE tirkupra bis-sħiħ mill-kriżi billi timxi aktar malajr lejn ekonomija innovattiva u li toħloq ix-xogħol; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ li l-aġenda mġedda tkun aktar iffukata fuq iż-żgħażaġh
45. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni kontra n-nuqqas ta' sigurtà tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg prekarji li ż-żgħażaġh jesperjenzaw fis-suq tax-xogħol u biex jappoġġjaw b'mod attiv ir-rikonċiljazzjoni tad-dinja tax-xogħol mad-dinja tal-ħajja personali u tal-familja;
46. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iqisu d-dimensjoni interġenerazzjonali fil-politiki tagħhom sabiex irawmu l-impjieg;
47. Jistieden lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażaġh għal kull tip ta' impjieg b'kundizzjonijiet tax-xogħol tajba sabiex jiġi evitat li jkun hemm diskrepanza bejn il-ħiliet u x-xogħlijiet, li tirrappreżenta ħela ta' talent; f'dan ir-rigward, jirrakkomanda titjib fil-kwalità tal-apprentistati pprovduti kif ukoll fid-drittijiet tal-apprentisti billi jiġi żgurat li l-maġġoranza tal-programmi interni jattribwixxu kwalifiki liż-żgħażaġh u jwassluhom għal karigi bi ħlas;
48. Jistieden ukoll lill-Istati Membri biex joffru aktar opportunitajiet ta' impjieg, jimplimentaw politiki ta' protezzjoni soċjali għal żgħażaġh żvantaġġati, jiżguraw opportunitajiet ugwali għaż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni periferiċi u f'ċentri urbani, u jagħtu appoġġ speċjali lill-ommijiet żgħażaġh;
49. Ifakkar fir-riskju ta' telf tal-imħuħ u l-konsegwenzi negattivi għall-pajjiżi ta' oriġini taż-

żgħażaġh; jistieden lill-Istati Membri biex jesploraw u jiżviluppaw strateġiji għaż-żamma taż-żgħażaġh f'pajjiżi u reġjuni suxxettibbli għal migrazzjoni 'l barra, li tiegħu diversi forom, bħal pereżempju t-telf tal-imħuħ, il-mili ta' nuqqas ta' ħiliet u x-xogħol irħis, flessibbli, bla sengħa u ta' sikwit staġunali;

50. Jistieden lill-Istati Membri biex jeliminaw il-każijiet fejn tiġi nnutata diskrepanza bejn il-livelli ta' dħul bejn iż-żgħażaġh irġiel u dawk nisa fuq il-bażi tas-sess;
51. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw drittijiet ta' impjeg deċenti u sigurtà soċjali f'era ta' globalizzazzjoni billi jilħqu bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà;
52. Jistieden lill-Istati Membri biex jiggwarantixxu t-trasferibbiltà totali tal-benefiċċji soċjali miksuba sabiex ma tiġix ipperikolata l-protezzjoni tal-benessri għall-ħaddiema żgħażaġh li għażlu l-mobbiltà;
53. Jenfasizza l-importanza ta' perjodi ta' taħriġ Prattiku f'kumpaniji u istituzzjonijiet waqt il-perjodu ta' studju, li sussegwentement jafu jagħmluha iktar faċli biex wieħed isib xogħol;
54. Jissuġġerixxi l-promozzjoni ta' kultura intraprenditorjali fost iż-żgħażaġh billi tittejjeb il-komunikazzjoni dwar l-intraprenditorja, permezz tal-appoġ għall-iżvilupp ta' strutturi u netwerks Ewropej għal dak il-għan u billi iż-żgħażaġh jiġu inkoraġġiti jibdew jaħdmu għal rashom u billi jużaw għodda ta' mikrokreditu u mikrofinanzjament; jenfasizza l-importanza ta' taġħlim tul il-ħajja;
55. Jappoġġja l-bżonn ta' sinerġiji bejn id-dinja tal-edukazzjoni u dik tal-industrija kif ukoll il-bżonn ta' forom avvanzati ta' integrazzjoni bejn l-universitajiet u n-negożji;
56. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jappoġġjaw inizzjattivi privati għaż-żgħażaġh, anke permezz ta' programmi nazzjonali li jissupplimentaw il-programmi Ewropej;
57. Jiġbed l-attenzjoni għal bżonn li jitfasslu politiki għar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata u li jħeġġu liż-żgħażaġh biex jibdew familja; jinnota wkoll l-attenzjoni il-bżonn li jiġi żgurat li iż-żgħażaġh ikollhom dħul biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet indipendenti, inkluża d-deċiżjoni li jibdew familja;

Saħħa, benesseri u ambjent

58. Jenfasizza li l-impatt tat-tibdil klimatiku u ambjentali kif ukoll id-degradazzjoni ambjentali għandhom impatt negattiv fuq il-ħajja taż-żgħażaġh u jitlob azzjonijiet sostenibbli f'dan il-qasam;
59. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-curricula tagħhom jinkludu forom xierqa ta' edukazzjoni dwar il-prevenzjoni tar-riskji relatati mas-saħħa u mal-ambjent;
60. Jiddispjaċiħ ħafna minħabba l-fatt li l-qafas ta' kooperazzjoni ma jagħmel l-ebda referenza għall-politiki tal-konsumatur; huwa tal-fehma li ċerti problemi jistgħu jkunu relatati mal-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ikel ħażin għas-saħħa;
61. Jenfasizza l-ħtieġa li titqies il-vunerabbiltà speċifika taż-żgħażaġh u t-tfal fil-

formulazzjoni tal-politiki ambjentali u tal-konsumatur; jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi żgħażaġħ permezz ta' azzjonijiet bħal kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni;

62. Jenfasizza l-importanza li tkompli tikber il-ġlieda kontra l-użu tad-drogi u l-alkoħol, kontra l-ħsara relatata mal-alkoħol u kontra kwalunkwe forma oħra ta' vizzju, inkluż il-logħob tal-ażżard, speċjalment permezz ta' prevenzjoni u riabilitazzjoni; jistieden lill-Istati Membri biex jisfruttaw kemm jista' jkun il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi u l-Istrateġija tal-UE fir-rigward tal-ġhajnuna għall-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-ħsara relatata mal-alkoħol u forom oħrajn ta' vizzji;
63. Ifakkar ukoll li t-tfal u ż-żgħażaġħ huma esposti għal numru kbir ta' xeni ta' natura vjolenta fil-midja; jissuġġerixxi li l-kwistjoni tkompli tiġi investigata u li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji bil-għan li jinqered l-impatt fuq is-saħħa mentali tagħhom;
64. Jirrakkomanda li ż-żgħażaġħ jiġu ggwidati fl-użu tagħhom tat-teknoloġiji l-ġodda permezz ta' politiki dwar l-edukazzjoni tal-midja u politiki biex titqajjem kuxjenza fir-rigward tal-perikli inerenti fl-użu bla kontroll tagħhom;
65. Jenfasizza r-rwol tal-ġhoti ta' informazzjoni liż-żgħażaġħ dwar il-kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni sesswali fil-ħarsien ta' saħħithom;
66. Jiġbed l-attenzjoni għal-livell kontinwament għoli ta' tqala taħt l-età u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex irawmu kuxjenza fost iż-żgħażaġħ u jedukawhom dwar din il-problema;
67. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-immigranti tfal u żgħażaġħ fit-territorju tagħhom ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa bażika, irrISPETTIVAMENT mill-istatus legali tal-familji tagħhom;
68. Jenfasizza r-rwol tal-isport bħala sett sħiħ ta' attivitajiet li jippromwovv stili ta' ħajja b'saħħithom għaż-żgħażaġħ u li jħeġġu l-ħidma f'tim, l-ispirtu ta' korrettezza u r-responsabbiltà u r-rwol tal-informazzjoni għaż-żgħażaġħ fil-ġlieda kontra l-vjolenza fil-grawnds sportivi; isejjaħ għal programmi speċjali għaż-żgħażaġħ b'diżabbiltà;
69. Jistieden lill-Istati Membri biex, fl-isforzi tagħhom biex iħeġġu liż-żgħażaġħ jipparteċipaw fl-isports, iqisu l-kwistjonijiet relatati speċifikament mas-sessi u jipprovdu appoġġ għal sports inqas popolari wkoll;
70. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' kampanji ta' edukazzjoni għaż-żgħażaġħ kontra d-doping u favur sport ħieles mid-drogi;

Parteċipazzjoni

71. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu strutturat kontinwu u konsultazzjoni maż-żgħażaġħ; iħeġġeġ bil-qawwa l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ fil-livelli kollha (lokali, nazzjonali u internazzjonali) fil-formulazzjoni tal-politiki ġenerali u, b'mod partikolari iżda mhux esklussivament, tal-politika dwar iż-żgħażaġħ, permezz ta' djalogu strutturat kontinwu;

72. Jenfasizza l-importanza li jiġi kkunsidrat il-metodu ta' konsultazzjoni taż-żgħażaġh, sabiex jiġi żgurat li titqies firxa wiesgħa ta' fehmiet taż-żgħażaġh; huwa favur l-iżvilupp ta' strutturi fejn il-parteċipanti kollha jistgħu jaħdmu flimkien, jinfluwenzaw il-politiki u d-deċiżjonijiet b'mod ugwali u jipprovdu l-mezzi meħtieġa biex jinħolqu dawn l-istrutturi;
73. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jinkludu l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-proċess tat-tfassil tal-politika, inkluż fil-livell lokali;
74. Jenfasizza l-importanza ta' rappreżentanti taż-żgħażaġh rappreżentattivi fid-djalogu strutturat u jirakkomanda li l-Kummissjoni tikkonsulta lir-rappreżentanti tal-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh dwar t-temi prijoritarji taż-żgħażaġh;
75. Jaqbel mal-ħtieġa indirizzata frekwentement tar-rikonoxximent u l-appoġġ ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-kontribuzzjoni kbira tagħhom għall-edukazzjoni mhux formali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħeġġu lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu u jipprovdu appoġġ għal parlamenti lokali taż-żgħażaġh u biex iniedu programmi korrispondenti;
76. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti dejjem iżjed żgħażaġh diversi bil-għan li tissaħħaħ ir-rappreżentattività; huwa favur li l-parteċipazzjoni tithegġegħ minn età bikrija; f'dan ir-rigward, ihegġegħ riflessjoni dwar it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-iskejjel, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili u jirakkomanda bil-qawwa t-trawwim ta' rikonoxximent iktar b'saħħtu tal-edukazzjoni mhux formali;
77. Jissuġġerixxi t-twaqqif ta' skemi ta' għotjiet għaż-żgħażaġh li jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà, bl-iskop aħħari li tiġi stabbilita kultura kemm tad-drittijiet kif ukoll tal-obbligi;
78. Jenfasizza l-bżonn ta' sforzi partikulari biex iż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni periferiċi u rurali u fi kwartieri fqar jitħeġġu jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet Ewropej; f'dan ir-rigward, jiddispaċih li l-qafas ta' kooperazzjoni ma jipproponi l-ebda azzjoni speċifika sabiex il-programmi tal-UE jiġu kkomunikati aħjar liż-żgħażaġh u b'mod partikulari lil dawk li jgħixu f'żoni remoti u lil dawk li mhumiex organizzati f'organizzazzjonijiet politiċi, soċjali jew mhux governattivi; jitlob mill-Kummissjoni impenn definittiv f'dan ir-rigward;
79. Jenfasizza l-bżonn li jiżdiedu l-isforzi biex jiġi żgurat skambju ta' fehmiet u informazzjoni effikaċi u trijangolari bejn il-komunitajiet akkademiċi, kummerċjali u politiċi fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;

Kreattività u kultura

80. Jistieden lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess għat-teknoloġiji l-ġodda biex jagħtu spinta lill-kreattività u l-kapaċità ta' innovazzjoni taż-żgħażaġh u jiġġeneraw interess fil-kultura, fl-arti u fix-xjenza;
81. Jinsab sorpriż bin-nuqqas ta' kwalunkwe referenza espliċita għall-kwistjonijiet kulturali fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni; u jiddikjara wkoll li dawn il-kwistjonijiet ma

jistgħux jinkludu biss l-intraprenditorija u l-użu ta' teknoloġiji ġodda;

82. Jilqa' b' sodisfazzjon il-fatt li r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tqis ir-rwol li għandhom l-attivitajiet soċjali u kulturali, li tikkomplementa r-rwol tas-sistemi tal-edukazzjoni u dak tal-familji; jinnota wkoll li dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu wkoll b' mod deċiżiv għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza u jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażaġh għal attivitajiet ta' divertiment, kultura u sport;
83. Jenfasizza l-importanza tal-appoġġ u r-rikonoxximent tal-kultura taż-żgħażaġh meta l-Istati Membri jallokaw il-fondi, minħabba li dan huwa essenzjali għall-iżvilupp tal-kreattività taż-żgħażaġh;
84. Jilqa' b' sodisfazzjon il-proposta inkluża fir-riżoluzzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi promoss taħriġ speċjalizzat għall-ħaddiema żgħażaġh fil-kultura, fil-midja ġdida u fil-kompetenzi interkulturali;
85. Jissuġġerixxi l-inklużjoni ta' perspettiva taż-żgħażaġh fil-politiki, il-programmi u l-azzjonijiet fl-oqsma tal-kultura u l-midja;
86. Huwa tal-fehma li l-istituzzjonijiet kulturali (pereżempju l-mużewijiet, il-libreriji u t-teatri) għandhom jitħeġġu biex jinvolvu iktar lit-tfal u liż-żgħażaġh;
87. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex joħolqu pass Ewropew taż-żgħażaġh sabiex iż-żgħażaġh ikollhom aċċess għall-istituzzjonijiet kulturali madwar l-UE bi prezz baxx ħafna;

Attivitajiet ta' volontarjat

88. Jilqa' b' sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill li jiddikjara s-sena 2011 bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat kif ukoll il-miżuri stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobbiltà taż-żgħażaġh voluntieri madwar l-Unjoni Ewropea;
89. Huwa tal-fehma li l-volontarjat taż-żgħażaġh għandu jkun appoġġjat, anke billi jiġi estiż il-programm tas-Servizz Volontarju Ewropew, u billi ż-żgħażaġh żvantaġġati jiġu meġhuna jimpenjaw irwieħhom għall-volontarjat;
90. Iqis li, skont ma jkun ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Azzjoni Preparatorja Amicus, għandhom jiġu eżaminati azzjonijiet ulterjuri ta' dan it-tip;
91. Huwa tal-fehma li l-attivitajiet volontarji m'għandhomx jieħdu post l-opportunitajiet ta' impjieġ professjonali u bi ħlas iżda għandhom iżidu l-valur għas-soċjetà;
92. Jitlob l-introduzzjoni u r-rikonoxximent reċiproku ta' 'Pass Ewropew tal-Voluntiera' bħala żieda għall-'Pass Ewropew taż-Żgħażaġħ' eżistenti; dan il-pass jipprovdi reġistru tal-ħidma volontarja mwettqa mit-tfal u miż-żgħażaġh u jkun jista' jiġi ppreżentat lil dawk li potenzjalment jistgħu iħaddmuhom bħala prova ta' kwalifika;

Inklużjoni soċjali

93. Jilqa' b' sodisfazzjon il-fatt li l-2010 hija s-Sena Ewropea tal-Ġlieda kontra l-Faqar u l-

Esklużjoni Soċjali, speċjalment fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, li qed ikollha impatt qawwi fuq iż-żgħażaġh;

94. Huwa tal-fehma li, fl-isfond ta' soċjetajiet li qed jixjieħu, l-ekwità interġenerazzjonali hija sfida ċentrali; jistieden lill-Istati Membri biex iqisu l-interessi taż-żgħażaġh u tal-ġenerazzjonijiet futuri meta jkunu qed jifformulaw il-politiki tagħhom, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi ekonomika u finanzjarja;
95. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu żviluppatti iktar programmi ta' involviment fil-komunità mal-gruppi emarġinati bħall-immigranti żgħażaġh u dawk kollha bi bżonnijiet speċjali (il-persuni b'diżabbiltà, iż-żgħażaġh li jeħtiġilhom jerġgħu jiġu integrati fis-soċjetà wara perjodu ta' priġunerija, dawk bla dar, dawk f'xogħol każwali, eċċ.);
96. Jirrikonoxxi l-bżonn li titqajjem kuxjenza fir-rigward taż-żgħażaġh b'diżabbiltà u jistieden lill-Istituzzjonijiet Ewropej biex jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw li, fil-ġejjieni, iż-żgħażaġh b'diżabbiltà jkunu integrati b'mod sħiħ;
97. Ifakkar it-talba tiegħu biex tiġi żgurata ugwaljanza bejn is-sessi minn età bikrija u fl-oqsma kollha tal-ħajja; għaldaqstant, jilqa' b'mod partikulari l-fatt li r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li ttejjeb il-kura tat-tfal u tippromwovi l-kondiviżjoni tar-responsabilitajiet bejn il-ġenituri sabiex tiġi ffaċilitata r-rikoñiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik tax-xogħol kemm għaż-żgħażaġh nisa kif ukoll għaż-żgħażaġh irġiel;
98. Jenfasizza l-bżonn li t-tfal u ż-żgħażaġh ikunu konxji mill-fatt li d-diskriminazzjoni mhija aċċettabbli fl-ebda forma u fl-ebda qasam u li tittieħed azzjoni determinata kontra kull forma ta' estremiżmu;
99. Jirrakkomanda li tingħata prijorità f'kull Stat Membru biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm minorenni żgħar li ma jiċċaħdu mill-kura soċjali;
100. Jenfasizza l-importanza ta' ambjent diġitali inklussiv; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw, bħala parti mis-sistemi ta' edukazzjoni formali u informali tagħhom, kunċetti li jiggarrantixxu aċċess għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u l-kultura u li jtejbju l-ħiliet taż-żgħażaġh fir-rigward tal-midja;

Iż-żgħażaġh u d-dinja

101. Jirrakkomanda għajjnuna ta' żvilupp diretta fir-rigward ta' miżuri għall-benefiċċju taż-żgħażaġh u għall-ġlieda kontra l-użu tad-drogi u kontra t-traffikar tad-drogi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
102. Huwa favur it-trawwim ta' attivitajiet ta' interess ġenerali li joħolqu sens ta' responsabbiltà fost iż-żgħażaġh, bħalma huma l-volontarjat għat-tibdil fil-klima, għall-iżvilupp jew għall-għajjnuna umanitarja; f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon l-opportunitajiet li l-ħolqien ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajjnuna Umanitarja se jagħti liż-żgħażaġh biex jipparteċipaw fil-ħidma umanitarja tal-UE, u jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li ż-żgħażaġh kollha jkunu jafu sewwa bl-eżistenza tiegħu;
103. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tesplora l-possibbiltà li jiżdiedu l-attivitajiet ta'

kooperazzjoni internazzjonali fil-volontarjat taż-żgħażaġh;

104. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw skambji u skemi ta' ġemellaġġ ma' pajjiżi u komunitajiet terzi sabiex jippromwovu djalogu interkulturali u jħeġġu liż-żgħażaġh biex jidħlu fi proġetti komuni;

105. Jitlob it-titjib u l-implimentazzjoni estensiva tal-programm Erasmus Mundus;

o o

o

106. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

Fis-27 ta' April 2009, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni li tiddefinixxi strateġija ġdida tal-UE għaż-żgħażaġh, immirata biex jitwaqqaf qafas għall-kooperazzjoni dwar il-kwistjonijiet taż-żgħażaġh għall-għaxar snin li ġejjin. Il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata bl-ewwel 'Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ 2009', li jiġbor fih data dwar is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fl-Ewropa.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-qafas ta' kooperazzjoni ġdid ikun ibbażat fuq strateġija bi tliet għanijiet, li huma marbuta ma' dawk tal-Aġenda Soċjali Mġedda:

- Il-ħolqien ta' aktar opportunitajiet għaż-żgħażaġh fl-edukazzjoni u l-impjiegi
- It-titjib tal-aċċess u l-parteciġazzjoni sħiħa taż-żgħażaġh kollha fis-soċjetà
- It-trawwim tas-solidarjetà reċiproka bejn is-soċjetà u ż-żgħażaġh.

Taħt kull wieħed minn dawn l-għanijiet, il-Kummissjoni tiddekrivi żewġ jew tliet oqsma ta' azzjoni possibbli u tenumeri azzjonijiet possibbli li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni 'fi ħdan l-oqsma rispettivi ta' kompetenza tagħhom'. L-azzjonijiet proposti jikkonċernaw oqsma ta' politika differenti ħafna. Għaldaqstant, id-dokument jippreżenta approċċ trasversali, filwaqt li jipproponi li ż-żgħażaġh jiġu integrati f' iktar oqsma ta' politika minn kif kien il-każ qabel.

Il-Kummissjoni tipproponi li jitkompla l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni: dan għandu jikkontribwixxi għal proċessi oħrajn ta' koordinazzjoni ta' politika, u għandu jkun magħqud ma' kontinwazzjoni tad-dialogu strutturat maż-żgħażaġh. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-kooperazzjoni tkun ibbażata fuq valutazzjoni li ssir kull tliet snin tas-sitwazzjoni taż-żgħażaġh, li tkun segwita b' aġġustament tal-prijoritajiet fejn ikun neċessarju. Finalment, il-Kunsill u l-Kummissjoni se jipubblikaw rapport kull tliet snin dwar l-implimentazzjoni tal-oġettivi.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill

Fis-27 ta' Novembru 2009, il-Kunsill adotta riżoluzzjoni dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018), u għaldaqstant biddel it-titolu ġenerali minn 'strateġija' għal 'qafas ta' kooperazzjoni'. Filwaqt li fil-biċċa l-kbira ssegwi l-approċċ ġenerali tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tirristruttura l-oġettivi u wħud mill-oqsma ta' azzjoni, iżżid il-preċiżjoni fir-rigward tal-metodoloġija u l-mezzi u iżżid inizjattivi iktar speċifiċi għall-oqsma ta' azzjoni differenti.

L-oġettivi ġenerali għal kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh sal-2018 huma definiti kif ġej:

- Il-ħolqien ta' iktar opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh kollha fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xoġhol;

– Il-promozzjoni ta' ċittadinanza attiva, inklużjoni soċjali u solidarjetà taż-żgħażaġh kollha.

Il-Kunsill ta ismijiet ġodda lil uħud mill-oqsma ta' azzjoni, ħoloq qasam ġdid dwar il-kultura u rristuttura l-qasam tal-intraprenditorija u l-kreattività billi żied l-intraprenditorija mal-impjegi u l-kreattività mal-kultura. L-oqsma ta' azzjoni ewlenin fejn għandhom jittieħdu l-inizjattiva huma kif ġej: l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjieg u l-intraprenditorija, is-saħħa u l-benesseri, il-parteċipazzjoni, l-attivitajiet ta' volontarjat, l-inklużjoni soċjali, iż-żgħażaġh fid-dinja u l-kreattività u l-kultura.

F'termini ta' inizjattivi ġodda miżjuda, ir-risoluzzjoni tal-Kunsill issaħħaħ id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-impjieg u l-intraprenditorija taż-żgħażaġh, l-opportunitajiet indaq, l-inklużjoni soċjali, il-benesseri u l-isport, u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali. Ir-risoluzzjoni tipproponi b'mod partikulari l-introduzzjoni ta' miżuri fuq medda qasira ta' żmien immirati lejn iż-żgħażaġh fil-pjanijiet ta' rkupru tal-Istati Membri. Il-Kunsill iżid ukoll dispożizzjoni ġdida dwar il-litteriżmu fil-midja u dwar il-ħarsien kontra ċerti perikli li jirriżultaw minn midja ġdida; u jiżviluppa b'mod konsiderevoli l-katalogu ta' inizjattivi fil-qasam 'Iż-żgħażaġh u d-dinja'.

Barra minn hekk, il-Kunsill jiċċara l-metodi ta' ħidma, billi jibbażahom fuq ċikli ta' ħidma, prijoritajiet li għandhom jiġu adattati għal kull wieħed minn dawn iċ-ċikli, u fuq strumenti ta' implimentazzjoni spjegati fid-dettall, jiġifieri: il-bini tal-għarfien, it-tagħlim reċiproku, ir-rappurtar dwar il-progress, it-tixrid tar-riżultati, il-monitoraġġ, u d-djalogu strutturat.

Rimarki tar-Rapporteur

Ir-rapporteur iqis li l-formulazzjoni ta' strateġija tal-UE għaż-żgħażaġh hija importanti ħafna. Minħabba li s-sussidjarjetà hija r-regola f'dan il-qasam, il-prijorità l-iktar importanti hija li jiġu żviluppati u implimentati b'mod iktar effettiv il-mezzi eżistenti. Għaldaqstant, l-għan ewlieni tal-istrateġija taż-żgħażaġh imġedda għandu jkun l-implimentazzjoni u l-komunikazzjoni aħjar tal-għodda eżistenti. Jista' jinkiseb progress billi l-gvernijiet jitħeġġu jikkooperaw iktar fil-qasam taż-żgħażaġh minkejja d-differenzi fil-politiki taż-żgħażaġh nazzjonali. Dan huwa mezz li jista' jwassalna għal futur promettenti għall-Ewropej tal-ġejjieni.

Fid-dawl ta' dak li nġhad, ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-Parlament Ewropew, bħala l-unika istituzzjoni tal-UE responsabbli għaċ-ċittadini Ewropej u demokratikament elett minnhom, għandu jkollu leħen iktar qawwi fil-formulazzjoni, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fil-valutazzjoni tal-istrateġija Ewropea għaż-żgħażaġh u għandu jiżviluppa rwol deċiżiv fil-formulazzjoni tal-oġġettivi tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni. Il-Membri tal-Parlament Ewropew jista' jkollhom rwol kruċjali wkoll fil-promozzjoni tal-politiki Ewropej għaż-żgħażaġh fl-Istati Membri.

Fil-limiti ta' dan ir-rapport, ir-rapporteur ipprova jenfasizza l-problemi varji li ż-żgħażaġh qed iħabbtu wiċċhom magħhom illum, filwaqt li żamm dejjem f'moħħu n-natura dinamika ta' dawn il-problemi u konsegwentement il-possibbiltà li dawn jistgħu jieħdu forma differenti fil-futur qrib. Barra minn hekk, ipprova jistruttura r-rapport b'tali mod li ma jħallix dubji dwar fuqieq qiegħda l-enfasi fir-rigward tal-istrateġija taż-żgħażaġh imġedda. B'segwitu għal dan il-għan, biddel xi sottotitoli u żied xi oħrajn.

Il-kriżi ekonomika taffettwa bil-kbir liż-żgħażaġh u tpoġġi l-prosperità futura tagħhom f'riskju. Barra minn hekk, il-futur taż-żgħażaġh se jkun affettwat ħafna bil-popolazzjoni li qed tixjeh. Meta wieħed iżomm f'moħħu l-forom varji ta' pressjonijiet fuq iż-żgħażaġh u konsegwentement l-obbligu tagħhna li nġinuhom permezz ta' strateġija għaż-żgħażaġh imfassla tajjeb, u minħabba l-fatt kemm li l-politiki taż-żgħażaġh jaqgħu taħt il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif ukoll li l-Istati Membri jikkooperaw f'dan il-qasam fuq bażi volontarja, ir-rapporteur iħoss li huwa ta' importanza assoluta li l-istrateġija l-ġdida tegħleb id-dgħufijiet tal-antika u tħalli r-riżultati. F'dan ir-rigward, iqis li l-punt dgħajjef tal-istrateġija taż-żgħażaġh hija l-implimentazzjoni tagħha u n-nuqqas tagħha li tikkonvinċi lill-Istati Membri kollha biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh. Din il-problema ġejja min-nuqqas ta' strumenti definiti b'mod ċar u min-nuqqas ta' indikaturi li jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-ilħuq tal-oġġettivi definiti b'mod komuni. Barra minn hekk, l-Istati Membri wrew nuqqas ta' rieda li jxerrdu informazzjoni dwar il-progress tagħhom permezz tal-pubblikazzjoni tar-rapporti ta' progress tagħhom. L-istrateġija l-ġdida għandha tegħleb dawn l-ostakli u għandha toffri soluzzjoni sostenibbli.

Ir-rapporteur jemmen bil-qawwa li l-implimentazzjoni ta' metodi ta' ħidma xierqa fil-kuntest tal-kooperazzjoni Ewropea, jiġifieri ċ-ċikli ta' ħidma, il-prijoritajiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni, kif ukoll jekk ikun hemm deskrizzjoni tal-għan ġenerali f'kull qasam ta' azzjoni, tkun ta' għajjnuna biex jiġu indirizzati l-isfidi eżistenti u dawk imminenti li ż-żgħażaġh għandhom quddiemhom.

Barra minn hekk, jemmen bil-qawwa li l-formulazzjoni ta' politiki taż-żgħażaġh ma tistax tkun separata mill-formulazzjoni tal-programmi tal-UE. Il-programmi tal-UE mmirati għaż-żgħażaġh għandhom ikunu konformi mal-implimentazzjoni tal-politiki taż-żgħażaġh. Il-programmi jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi stipulati. Għal din ir-raġuni huwa kruċjali li jkun hemm kemm jista' jkun benefiċċji li jirriżultaw mill-programmi tal-UE favur iż-żgħażaġh.

Ir-rapporteur jemmen li l-approċċ transsettorjali propost mill-Kummissjoni u adottat bir-riżoluzzjoni tal-Kunsill miexi fid-direzzjoni t-tajba. Huwa jaqbel li l-livelli politiċi kollha għandhom jikkunsidraw l-interess taż-żgħażaġh u tal-ġenerazzjonijiet futuri meta jkunu qed jifformulaw il-politiki tagħhom. Jaħseb ukoll li l-approċċ transsettorjali jista' jwassal għal riżultati utli fir-rigward tal-applikazzjoni tal-programmi tal-UE fil-livell lokali u f'dan ir-rigward jista' jikkontribwixxi biex il-programmi tal-UE jkomplu jitjiebu.

Fir-rigward tal-oqsma ta' azzjoni proposti mill-Kummissjoni u mtejbja mill-Kunsill, jammetti li wieħed jista' jsemmi kollox. Minkejja dan, billi wieħed isemmi kollox ma jiggerantix l-effettività tal-istrateġija u saħansitra jista' jipperikolaha. L-iktar importanti huwa li jiġi żgurat li l-istrateġija tkun implimentata, issorveljata u vvalutata sewwa fl-oqsma ta' azzjoni proposti mill-Kummissjoni u mill-Kunsill. Malli wieħed jaċċerta l-effettività f'qasam imbagħad ikunu nistgħu nġhadu għal oqsma oħra. Barra minn hekk, għandna nżommu f'moħħna li kull Stat Membru għandu jindirizza l-problemi speċifiċi li jirrikjedu azzjonijiet speċifiċi sabiex ikun jista' jagħmel progress fir-rigward tal-oġġettivi definiti b'mod komuni. Għalhekk, ir-rapporteur huwa favur li jkun hemm deskrizzjoni tal-għan usa' f'kull qasam ta' azzjoni u li kull Stat Membru jiddeċiedi hu stess dwar liema inizjattivi japplikaw l-aħjar għall-iżvilupp ta' strateġija effettiva.

L-edukazzjoni u t-taħriġ huwa qasam li għandu jingħata attenzjoni speċjali minħabba li prinċipalment jikkonċerna liż-żgħażaġh. L-għoti ta' opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh kollha, indipendentement mill-isfond tagħhom, għandu jkun fuq quddiem tal-aġenda politika. Għandu jkun hemm opportunitajiet u inċentivi biżżejjed għal 'ċans ieħor' għaż-żgħażaġh li jkunu waqgħu lura. Fl-istess ħin, iż-żgħażaġh għandu jkollhom l-appoġġ biex jegħlbu d-diffikulatajiet finanzjarji f'dak li għandu x'jaqsam mat-tlestija tal-istudji tagħhom. Finalment, it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol għandha tiġi ffaċilitata.

Il-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh hija kważi d-doppju tal-persentaġġ osservat fost il-popolazzjoni kollha tax-xogħol. L-inugwaljanzi fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għadhom jeżistu. Barra minn hekk, iż-żgħażaġh jesperjenzaw varjetà ta' forum ta' diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol. Bosta żgħażaġh huma kkwalifikati żżejjed għax-xogħol li jwettqu. Tali diskrepanzi jirrappreżentaw talent moħli. Il-miżuri ta' taħriġ għandhom jiffasslu b'mod li jiġi żgurati li jkun hemm tqabbil aħjar bejn il-ħiliet u d-domandi tas-suq tax-xogħol. Fl-istess ħin hemm il-periklu li s-sistema tal-edukazzjoni tispiċċa bħala maħżen konvenjenti li jiġbor fih iż-żgħażaġh qiegħda. Jeħtieġ li ż-żgħażaġh ikunu appoġġjati wkoll biex jiksbu l-awtonomija u l-indipendenza permezz tax-xogħol.

Il-kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni dwar il-kwistjonijiet tas-saħħa u l-kwistjonijiet ambjentali għandhom ikunu mmirati lejn iż-żgħażaġh iżda anke lejn il-familji. Iż-żgħażaġh għandhom ikunu jistgħu jgawdu minn livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u minn ambjent naturali b'saħħtu. Il-protezzjoni kontra l-vizzju tad-droga u kontra kwalunkwe forma oħra ta' vizzju hija kruċjali.

Iż-żgħażaġh għandhom isiru konxji mir-responsabilitajiet tagħhom u mill-modi differenti kif jistgħu jipparteċipaw fis-soċjetà u fid-demokrazija rappreżentattiva. Iż-żgħażaġh għandhom ikunu jistgħu jsemmu lehinom fir-rigward tal-formulazzjoni tal-politiki. L-organizzazzjonijiet politiċi taż-żgħażaġh, l-NGOs u inizjattivi oħrajn taż-żgħażaġh li jippromwovu u jkabbru l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali, huma importanti f'dan ir-rigward. Minkejja dan, l-opportunitajiet li joffru xorta għadhom mhux magħrufa minn bosta żgħażaġh. Jeħtieġ li jkun hemm iktar sforzi ta' komunikazzjoni, u dawn għandhom ikunu diretti speċifikament lejn iż-żgħażaġh li għandhom inqas opportunitajiet, sabiex kemm jista' jkun żgħażaġh u kemm jista' jkun żgħażaġh diversi, jithegħgu biex jipparteċipaw fil-programmi Ewropej immirati għalihom.

Filwaqt li jżomm f'moħħu dak li ngħad hawn fuq, ir-rapporteur jipprova jenfasizza l-punti ta' importanza assoluta fi spazju limitat. Jittama li jirnexxielu jsemma leħen il-Parlament u li jmur pass ulterjuri fir-rigward tal-istrateġija Ewropea għaż-żgħażaġh, permezz ta' kooperazzjoni armonjuża mal-Kunsill, il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u NGOs oħrajn, bil-għan li jiġu moqdiya l-aħjar interessi taż-żgħażaġh Ewropej, li tant huma riżorsa importanti għall-futur tal-kontinent Ewropew li ma nistgħux naħluha.

Ir-rapport preżenti jikkostitwixxi pass ieħor ta' sforz kontinwu. Sforz li huwa d-dover tagħna li nagħmlu. Dmir bla tmiem lejn il-ġenerazzjonijiet futuri.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	23.3.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Santiago Fisas Ayxela, Mary Honeyball, Cătălin Sorin Ivan, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Marek Henryk Migalski, Katarina Nevedálová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Pál Schmitt, Marco Scurria, Timo Soini, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, László Tőkés, Marie-Christine Vergiat, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Rita Borsellino, Nadja Hirsch, Oriol Junqueras Vies, Iosif Matula, Georgios Papanikolaou, Mitro Repo, Róża Gräfin Von Thun Und Hohenstein